>> ikompli minn paġna 13

Tali borża tneħħi ħafna mid-dinjità kemm tan-nisa kif ukoll tal-morda. Apparti dan il-ġar/a jew barrani, sakemm mhux xi bniedem li qed isegwi persuna, xi eks-raġel jew mara, jistgħu jindunaw mill-iskart jekk il-mara/raġel ieħor hux qed toħroġ ma' persuna oħra? Jekk hix tqila? Jekk għandhiex tarbija ġdida? Jekk tilfitx it-tarbija? Jista' jkun li nistgħu nispiċċaw b'ġara tgħajjar lill-oħra għax m'għadx jista' jkollha aktar tfal? Jew li raġel vjolenti jara l-borża tal-ġara u jaħsibha tal-eks-mara u jħebb għaliha għax jaħseb li qed taqlibielu (bħalma jidher li ġara fil-każ ta' Bernice)? Jew li ġar jgħajjar lill-ieħor għax qed irabbi l-għasafar fil-blokka? Jew li l-pulizija u l-avukat issa jfittxu fl-iskart jew għallinqas fir-ritratti tal-boroż tal-iskart biex isibu l-provi ta' adulterju u elf kwistjoni oħra matrimonjali?

L-ewwelnett, għalkemm ma naqbel xejn ma borża trasparenti, jekk tali sistema tiġi xi darba introdotta, importanti jiġu introdotti wkoll l-kmamar tal-iskart li semmejt. Ħalli persuna li ma tixtieqx turi x'qed tarmi, għallinqas, tista' tagħżel li għallinqas tmur b'karozza u ċertu skart tarmieh band'oħra.

Minbarra hekk, jista' jkun li hemm bżonn li tiġi introdotta borża oħra – forsi iżgħar fiddaqs biex tagħti inqas lok għal abbuż? Jiġifieri borża, pereżempju ħamra, fejn persuna tista' tarmi (dejjem jekk trid), ċertu prodotti tan-nisa, tat-tfal u ħrieqi tal-anzjani aktar spiss fil-ġimgħa bla ma tarmi l-borża s-sewda. Għalkemm l-introduzzjoni ta' borża ġdida tista' tagħti lok għal aktar spekulazzjoni tal-ġirien, tal-persuni li jsegwu jew ta' eks-konjuġi, xorta waħda tista' tkun ta' għajnuna u tiġbabar aktar spiss. Sa fejn naf jien, l-iskart 'perikoluż' jinġabar fl-istess trakk tal-iskart organiku u b'hekk il-borża 'il-ħamra' tkun tista' tinġabar aktar spiss.

B'hekk, il-borża s-sewda tibqa' biss għall-knis, ħwejjeġ, xagħar, ġablo u affarijiet oħra li ma jintnux u jistgħu jistennew. Jien ukoll jista' jkolli r-riżervi tiegħi dwar borża oħra speċifikament għal affarijiet 'intimi' u mediċi, iżda din tista' tkun parti mis-soluzzjoni. Rigward il-fatt li forsi tkun iżgħar, l-idea hi li timtela malajr u ma tħallix lok li jintefa' fiha skart organiku bħalma jidher li qiegħed jiġri fil-każ tal-borża s-sewda. Xorta jibqa' l-problema tal-ħrieqi iżda, kif għidt, u b'hekk, forsi wieħed jista' jew jintroduċi boroż ħomor kbar jew dawn jibqgħu jintremew fil-borża s-sewda l-kbira.

L-idea ta' daqs iżgħar tista' wkoll tiġi introdotta fil-borża s-sewda, ta' min jgħid. Però fi kwalunkwe każ, ħafna missuġġerimenti jistgħu jkunu dibattibbli. Naħseb li l-unika ħaġa li verament hemm bżonn huma l-kmamar tal-iskart imsemmija. Kemm jekk bniedem ma jixtieqx juri x'qed jarmi, kemm jekk se jsiefer u kif ukoll jekk qed inaddaf post tan-nies, jekk ikunu jeżistu tali kmamar jista' jitfagħhom fil-karozza u jeħodhom. S'issa l-unika soluzzjoni hija li jikser ir-regolamenti. U r-regolamenti, minkejja multi eżorbitanti, qegħdin jinkisru u bilkbir.

Għal kummenti jew suġġerimenti https://www.facebook.com/lejnmaltaaaa.



# SOLUZZJONIJIET TAL-LUM







# Formola tal-avviżi klassifikati

>> Sa 20 KELMA - €5
>> Sa 40 KELMA - €10
>> Sa 60 KELMA - €15

IBBUKKJA

Tmint ijiem konsekuttivi għal €20 (sa 20 kelma)

Għaxart ijiem konsekuttivi għal €25 (sa 20 kelma)

Tletin jum konsekuttivi għal €75 (sa 20 kelma)

Il-Prezzijiet jinkludu l-VAT. Iċ-ċekkijiet għandhom jinħarġu fuq Union Print Co. Ltd.

Avviż ..........................................................................................

..........................................................................................

..........................................................................................

..........................................

..........................................................................................

..........................

Data tal-Pubblikazzjoni - L-Orizzont: ........../........../.......... It-Torċa ........../........../........

Isem u Kunjom: ..........................................................................................

............

ID: ........................................................ Tel.: ..........................................................................................

.............

Ibgħat il-Formola lil:
Union Print Co. Ltd, Dipartiment tal-Avvizi,
Workers' Memorial Building,
3rd Floor, South Street, Valletta

Ħinijiet u Kuntatt:
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa - 7.30am - 3.30pm
Tel. 25900200/230 / adverts@unionprint.com.mt

## >>PROPRJETÀ

GĦALL-BEJGĦ QORMI/ Garaxxijiet mat-triq ta' 2 karozzi kull garaxx. Ċemplu 27027874 jew 79079565.

GĦALL-BEJGĦ/Appartament ġewwa Ħal Qormi bi 2 tas-sodda lest bit-tikħil, bibien, twieqi u madum. Prezz €220,000 kull appartament. Ċemplu 27027874 jew 79079565. Joint Venture/ Proġetti bi sħab f'Malta u Għawdex. Ċemplu 27027874.

## >>NIXTRI PROPRJETÀ

NIXTRU u nieħdu b'ċens perpetwu, artijiet fl-outside Development Zone f'Malta. Ċemplu 27022784.

NIXTRU Plots għall-iżvilupp t'appartamenti u simili f'Malta. Inħallsu fi flus u bini. Ċemplu 27027874.

NIXTRU Plots, airspaces, ishma indiviżi (mhux maqsuma) minn proprjetà u proprjetà mikrija. Ċemplu 27027874.

JOINT VENTURE proġetti bi sħab f'Malta u Għawdex. Ċemplu 27027874

## >>AFFARIJIET

NIXTRI ALBUMS tal-Panini u stickers, Pokemon Cards, kartolini antiki u envelopes ippustati, midalji, militaria, muniti u karti tal-flus antiki, kotba, ritratti antiki, dokumenti, passaporti antiki, santi antiki, ġugarelli tal-landa, badges, pitturi, deheb u fidda etc... Ċempel 21310238, 99246632.

## >>XOGĦLIJIET

PROPERTY WORKS

Għal xogħol ta' bini u alterazzjonijiet, installar ta' dawl u ilma, katusi, kisi, żebgħa, liquid membrane u gypsum board. Ċemplu 79997797/27585611.

GYPSUM BOARD, KISI, MEMBRANE TAL-BEJT, MADUM U ŻEBGĦA

Omar Mogih jixtieq jinforma li hu jagħti servizzi ta' twaħħil ta' gypsum boards, kisi tal-ħitan, membrane tal-bejt, tqegħid ta' madum u xogħol ta' żebgħa. Min hu interessat iċempel 77999978.

## >>TISWIJIET

TISWIJIET FIL-PRONT FUQ IL-POST TA' WASHING MACHINES, FRIDGES, FREEZERS, TUMBLEDRYERS U DEHUMIDIFIERS

6 XHUR GARANZIJA fuq ix-xogħol u l-ispare parts bl-orħos prezzijiet. Ċemplu 21493285, 21371559, 79884497, 99472570. SERVIZZ FIL-PRONT.